# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 164/2016/2 AL**

**Maria Theresa sive Marthese Thorne**

**v.**

**Alfred Saliba**

1. B'rikors ippreżentat fis-27 ta' Ottubru 2020 il-konvenut appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-13 ta' Ottubru 2020 li biha l-ewwel Qorti kkundannatu jħallas lill-attriċi s-somma ta' ħdax-il elf, mitejn u tnejn u tletin euro u erbatax-il ċenteżmu (€11,232.14) bħala sehem lill-attriċi minn gratifikazzjoni li l-konvenut irċieva taħt l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93) u kalkolata fuq perjodu ta' sitta u għoxrin (26) sena meta l-partijiet kellhom fis-seħħ bejniethom il-komunjoni tal-

akkwisti. Min-naħa tagħha l-attriċi ppreżentat appell inċidentali li bih ilmentat dwar l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti għaliex tippretendi li kellu jkun tmienja u għoxrin elf, ħames mija u sitt euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€28,506.58).

2. Il-fatti fil-qosor huma:

i. Il-konvenut beda jaħdem maċ-ċivil fid-19 ta' Ġunju, 1975.

ii. Il-partijiet iżżewġu fis-17 ta' Novembru, 1979. Minn dakinhar bdiet il-komunjoni tal-akkwisti;

iii. Fl-24 ta' Frar 2005 il-partijiet infirdu legalment b'sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) Maria Theresa Saliba proprio et nomine v. Alfred Saliba (1782/2001). Il-komunjoni tal-akkwisti ġiet terminata u saret il-likwidazzjoni u l-qasma. Għalhekk il-partijiet għamlu ftit iktar minn ħamsa u għoxrin (25) sena flimkien minn meta żżewġu sakemm isseparaw legalment.

iv. F'April 2015 l-attur irtira mix-xogħol meta għalaq sittin (60) sena. Kellu kważi erbgħin (40) sena servizz mas-servizz pubbliku;

v. L-attur kellu jibda jirċievi l-pensjoni taħt l-Ordinanza tal-Pensjoni (Kap. 93). Ix-xhud Angelo Said, uffiċjal fis-sezzjoni tal-pensjoni tas-servizz, spjega li sabiex impjegat jikkwalifika għal dik il-pensjoni jrid ikun impjegat mal-Gvern qabel il-15 ta' Jannar 1979, u jrid ikun ta mill-inqas għaxar (10) snin servizz. Kompla jispjega li l-konvenut sar intitolat għall-pensjoni kif għalaq 60 sena, u min ikun ta 30 sena servizz jirċievi l-massimu tal-pensjoni.

vi. Minflok li jirċievi l-pensjoni sħiħa għażel li jirċievi ¾ minnha permezz ta' pagamenti fix-xahar u fl-istess ħin pagament ta' darba ('*gratifikazzjoni*'). Kien f'April 2015 li rċieva ħlas ta' €34,560.42 (ara dokument a fol. 137) bħala ħlas tal-gratifikazzjoni. Il-pagament li rċieva hu kalkolat skont paragrafu 4 tar-regolamenti li hemm fl-Ordinanza tal-Pensjoni (Kap. 93), ċioe` ¼ tal-pensjoni multiplikata b'12.5;

> *"kull uffiċjal li lilu tingħata pensjoni taħt l-Ordinanza jista' jiġi mogħti, skont ma jagħżel, kif jingħad iżjed 'il quddiem, flok din il-pensjoni, pensjoni bir-rata ta' tliet kwarti ta' din il-pensjoni flimkien ma' gratifikazzjoni li tkun daqs tnax-il darba u nofs l-ammont li hekk jitnaqqas mill-pensjoni".*

vii. L-attur intitolat għal €34,560.42 gratifikazzjoni, li rċieva, u jirċievi pensjoni kommutata (magħrufa bħala tat-Teżor) fl-ammont ta' €8,294.50 fis-sena (ara kalkoli a fol. 137).

3. Fir-rikors maħluf l-attriċi talbet:

> *"1. Tiddikjara li s-somma li tħallas l-intimat f'April 2015 bħala ħaddiem tal-Gvern akkumulat fiż-żwieġ u li allura hija formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet;*
>
> *2. Tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti mis-somma hawn fuq imsemmija, liema somma għandha titħallas mill-intimat;*
>
> *3. Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti tali ammont hekk likwidat ai termini tat-tieni talba u dan fi żmien perentorju li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi".*

4. Il-konvenut ikkontesta t-talba tal-attriċi billi argumenta li l-ħlas li rċieva fl-ammont ta' €34,560.42 hu parti mill-pensjoni tiegħu, u dan wara li biegħ parti mill-istess pensjoni lill-Gvern. Dan wassal sabiex ikun intitolat li kull xahar jirċievi s-somma ta' €691.21 bħala pensjoni.

5. B'sentenza tat-13 ta' Ottubru 2020 l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talbiet tal-attriċi għall-ammont ta' €11,232.14 li ordnat li għandhom jitħallsu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tas-sentenza. Il-motivazzjoni prinċipali fis-sentenza appellata hi s-segwenti:

> *"Il-Qorti tibda sabiex tirrileva li ma hemm l-ebda dubju li l-gratifikazzjoni li rċieva l-konvenut kienet frott tas-servizz tiegħu bħala Uffiċċjal fiċ-Ċivil mid-19 ta' Ġunju 1975 sal-14 sa April 2015, ċjoe' kwazi erbgħin (40) sena sħaħ mal-Gvern u għalhekk fil-kumpattazzjoni tal-istess zmien wieħed ma jistax ma jinnotax li l-gran parti tal-istess servizz bħala uffiċċjal tal-Gvern seħħ mill-konvenut meta kien mizzewweġ lill-attriċi u kien jopera bejn il-partijiet l-istitut tal-komunjoni tal-akkwisti.*
>
> *Huwa kkonfermat li l-attriċi kienet konsapevoli li l-impjieg tal-konvenut kien jaqa' taħt l-iskema tal-1979 u li kienet tezisti l-probabilita' li jkun eleġibbli għall-pensjoni tas-servizz sħiħa, jew inkella dik kommutata*

*flimkien mal-gratifikazzjoni. Madanakollu, għalkemm ma kien hemm xejn xi jwaqqaf lil attriċi milli ssemmi din il-kwistjoni quddiem il-Qorti li ppronunzjat ruħha dwar il-firda personali tal-partijiet, x'garanzija kien hemm li dik il-Qorti kienet ser tieħu in konsiderazzjoni tal-istess kieku l-attriċi għamlet dan? Tul il-proċeduri ta' separazzjoni personali, ma kien hemm l-ebda ċertezza dwar l-eleġibbilita' tal-konvenut li jieħu l-pensjoni tas-servizz mal-għeluq is-sittin (60) sena u lanqas ma kien hemm ċertezza dwar liema għazla se mai kien ser jagħmel il-konvenut. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti hija konvinta li kieku l-attriċi sollevat din il-kwistjoni fil-proċeduri ta' separazzjoni, il-Qorti in kwistjoni xorta waħda ma kienetx sejra tgħaddi sabiex tippronunzja ruħha dwar din il-kwistjoni ġialadarba ma kien hemm l-ebda konkretezza.*

*F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Vella Anthony vs Vella Sonia Monica****, fejn jiġi nnutat li tul il-proċeduri ta' separazzjoni bejn il-konjuġi Vella, kienet ġiet issollevata minnhom stess il-kwistjoni tal-pensjoni tat-tezor sħiħa, il-pensjoni kommutata u l-gratifikazzjoni. Jidher li bħal konvenut Alfred Saliba, Anthony Vella ukoll kellu l-impjieg tiegħu regolat bl-iskema tal-1979 u li tul il-proċeduri ta' separazzjoni kien għadu mhux eleġibbli għal pensjoni sħiħa jew il-pensjoni kommutata flimkien mal-gratifikazzjoni. Madanakollu, minkejja li din il-kwistjoni ġiet issollevata tul il-proċeduri ta' separazzjoni, jidher li l-Qorti fid-deċizjoni tagħha xorta waħda ma ħaditx in konisiderazzjoni tagħha.*

*Għaldaqstant, il-Qorti tirrileva illi tali kwistjoni ma setgħet qatt tiġi kkunsidrata matul il-proċeduri ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan ġialadarba: (i) in primis din il-kwistjoni qatt ma ssemmiet quddiem il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza tal-firda personali u b'hekk il-Qorti ma setgħat qatt tippronunzja ruħha fuq kwistjoni mhux magħrufa minnha, u (ii) fit-tieni lok, anke kieku għal grazzja tal-argument din il-kwistjoni issemmiet, ir-razjonal u anke l-ġurisprudenza nostrana juru illi l-Qorti ma kien ikollha l-ebda konkretezza rigward l-istess u b'hekk kienet tkun kostretta li ma tiddeċiedix dwar il-kwistjoni. Għaldaqstant, dan ikompli jikkonferma li dak pretiż mill-konvenut Alfred Saliba fil-kaz odjern u ċjoe' li l-attriċi kellha tqajjem din il-kwistjoni tul il-proċeduri ta' separazzjoni ma jreġix.*

*Lanqas ma jreġi l-argument tal-konvenut li ġialadarba l-komunjoni tal-akkwisti ilu xolt għal numru ta' snin, l-attriċi tilfet id-dritt tagħha li tagħmel tali talba. Tabilħaqq, il-konvenut jittenta ukoll jagħti x'jifhem li dan id-dritt tal-attriċi ġie mitluf stante li permezz tar-rikors konġunt ta' nhar il-11 ta' Ġunju 2011, l-attriċi qablet li mill-pensjoni tal-konvenut hija għandha d-dritt li tieħu bħala manteniment is-somma ta' ħamsa u tletin Ewro (€35) fil-ġimgħa f'kaz li din ma tkunx tinsab f'impjieg jew tkun leħqet l-eta' tal-irtirar. Fil-fehma tal-konvenut, il-pensjoni msemmija fir-rikors konġunt tinkludi l-gratifikazzjoni in kwistjoni u dan stante li skont il-konvenut stess, il-gratifikazzjoni hija parti integrali tal-*

*pensjoni tas-servizz. Madanakollu, din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument u pretensjonijiet tal-konvenut għas-segwenti raġunijiet.*

*Huwa stat ta' fatt li r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ġie xolt permezz tas-sentenza ta' separazzjoni tal-24 ta' Frar 2005. Madanakollu, huwa stabbilt li fid-data li ngħatat id-deċizjoni tas-separazzjoni, il-gratifikazzjoni kienet għadha ma immaturatx, u għaldaqstant il-Qorti bl-ebda mod ma setgħet tieħu in konsiderazzjoni ta' kwistjoni li kienet għadha ma mmaterjalizzatx. Il-Qorti tirrileva li fil-liġi nostrana ma hemm xejn li jippreklludi l-partijiet milli jagħmlu talba simili għal dik odjerna lil Qorti u dan wara li r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti jkun diġa' xolt. Fil-fatt din ma hijiex l-ewwel darba li l-Qorti qiegħda titratta kwistjoni ta' din in-natura.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Carmela Cassar vs Giuseppe Cassar****, ġie ritenut illi "fil-ġurisprudenza Maltija hu paċifiku li l-"gratuity" li l-impjegat jieħu meta jirtira mix-xogħol tiegħu tidħol fil-komunjoni tal-akkwisti". Referenza ssir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet* ***John Vassallo vs Moses Vassallo****, il-Qorti kienet għallmet illi: "<u>Il-gratuwita' li mpjegat jirċievi meta jirtira mix-xogħol</u> (a differenza tal-"Commpassionate Gratuity" mogħtija "ex gratia" lid-dipendenti tal-impjegat, li ma tidħolx fil-komunjoni tal-akkwisti, - ara Prim'Awla Ċivili 24 ta' Lulju 1946 in re "Bonnici vs. Schembri et.", Vol. XXXII-II-421, u l-konsiderandi mhux publikati dwar pagamenti "ex gratia" fis-sentenza tal-Prim'Awla Ċivili 30 ta' Jannar 1950 in re "Dolores Galea vs. Angelo Galea") <u>għandha, skond il-prevalenti ġurisprudenza, tidħol fl-assi tal-akkwisti konjugali, anki jekk l-istess ġiet imħallsa wara x-xoljiment tal-komunjoni</u>." (enfasi ta' din il-Qorti).*

*Tenut kont tal-premess, id-dritt tal-attriċi li tagħmel talba bħal dik odjerna huwa raġonevoli u mhux subordinat għad-dritt tal-manteniment, kif donnu jagħti x'jifhem il-konvenut. Permezz tas-sentenza tal-firda personali, il-konvenut ġie kkundannat iħallas manteniment kemm lil martu u kif ukoll lil uliedu u dan wara li nstab ħati għat-tifrik taz-zwieġ, liema ħtija kienet imputabbli unikament lilu. Il-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-qbil ta' bejn il-partijiet fir-rigward tal-manteniment fis-sena 2010 għandha tkun ta' ostaklu għat-talba odjerna. Mill-Ordinanza tal-Pensjonijiet u l-ġurisprudenza nostrana jidher ċar illi l-gratifikazzjoni u l-pensjoni tas-servizz ma humiex kkunsidrati bħala ħaġa waħda. Għalkemm il-konvenut pprova jikkonvinċi lil Qorti li l-gratifikazzjoni hija parti integrali mill-pensjoni tas-servizz, mill-atti proċesswali dan ma jiġix ppruvat la permezz ta' bazi legali jew permezz xi dikjarazzjoni tar-rapprezentant tad-Direttur tat-Tezor. Huwa inkonfutabbli li l-konvenut kellu għazla, u ċjoe' li jagħżel: (i) pensjoni tas-servizz sħiħa, jew (ii) pensjoni tas-servizz kommutata flimkien ma' gratifikazzjoni. B'mod volontarju assolut, il-konvenut għazel li jieħu l-gratifikazzjoni u l-pensjoni kommutata, liema gratifikazzjoni skont il-ġurisprudenza kostanti dejjem ittieħdet bħala parti formanti mill-komunjoni tal-akkwisti, kemm jekk din hija diġa' xolta o meno.*

*Referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet* ***Miriam Camenzuli vs Mario Camenzuli****, liema sentenza hija kwazi identika għal dik odjerna. F'din il-kawza, il-konvenut Mario Camenzuli ukoll oġġezzjona li l-gratifikazzjoni tkun meqjusa bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti, madanakollu l-Qorti ċaħdet tali oġġezzjoni u kkonfermat illi dik il-parti mis-somma mogħtija lilu taħt il-pretest ta' gratifikazzjoni, li tkopri l-perjodu li fiha kien għadu qiegħed jiġi mħaddem ir-reġim tal-komunjoni, għandha tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-prinċipji kif adoperati mill-Qorti fil-kaz ta' Camenzuli, ġew ikkonfermati fis-sentenza fl-ismijiet* ***Schembri Mary pen et vs Schembri Dennis et****, fejn intqal: "Ghalhekk in vista ta' dak dispost fl-artikolu 1319 u 1320 (a) u (b) ta-lKap. 16, din il-Qorti certament ma tistax teskludi mill-komunjoni tal-akkwisti s-somma kif komputata fuq ir-rimanenti tnejn u ghoxrin sena servizz li Joseph Schembri kien fl-Armata. Matulhom kien mizzewweg lill-Attrici Mary Schembri u ghalhekk kien hemm fis-sehh bejniethom l-Istitut tal-komunjoni tal-akkwisti (ara f'dan is-sens is-sentenza Miriam Camenzuli -vs- Mario Camenzuli, Qorti Civili Prim' Awla, 27 ta Marzu 2003 pg 10)".*

*Fil-kaz odjern, il-konvenut beda jaħdem bħala Uffiċċjal maċ-Ċivil mid-19 ta' Ġunju 1975 u baqa' jaħdem b'mod kontinwu sa' April 2015. Iz-zwieġ u l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet baqgħu fis-seħħ għal sitta u għoxrin (26) sena. Dan ifisser li meta l-konvenut izzewweġ lil attriċi, kien diġa' ilu erba' (4) snin bħala Uffiċċjal tal-Gvern, filwaqt li meta spiċċa mis-servizz fl-2015, il-komunjoni tal-akkwisti kienet ilha li ġiet itterminata għal għaxar (10) snin. Mill-perjodu li fuqu tidher li hija bbazata l-gratifikazzjoni tal-konvenut, erbagħtax-il (14) sena minnhom ma kienx hemm ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti. Għaldaqstant dak li għandu jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti huwa dak l-ammont proporzjonali relattiv għaz-zmien li fih kienet għadha qiegħda topera l-komunjoni tal-akkwisti, ċjoe' mid-data taz-zwieġ u ċjoe' is-17 ta' Novembru 1979 sad-data meta s-sentenza tal-24 ta' Frar 2005 għaddiet in ġudikat.*

*Dan ifisser li la darba kif ammess u pruvat mill-konvenut li s-somma ta' gratifikazzjoni kienet tammonta €34,560.42, dak li jappartjeni mill-istess somma lill-komunjoni tal-akkwisti hija l-kalkolazzjoni ta' sitta u għoxrin (26) sena mis-somma fuq stabbilita', liema somma hija kkalkolata fuq perjodu ta' erbgħin (40) sena u ċjoe' kemm dam fis-servizz il-konvenut. Għalhekk l-ammont hemm maħdum jirrizulta li huwa s-segwenti: €34,560.42 maqsum bejn 40 sena = €864.01 x 26 sena li huwa ekivalenti għal €22,464.27, li minnhom l-attriċi għandha n-nofs u dan jammonta għall-€11,232.14.*

*Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ta' dak ammess mill-attriċi u ċjoe' l-allegazzjoni tagħha li fil-verita' l-gratifikazzjoni li kellu jieħu l-konvenut kienet dik ta' €51,750. L-attriċi tkompli fl-affidavit tagħha li l-konvenut kien irrinunzja għal terz ta' din is-somma sabiex b'hekk ikun jista' jieħu pensjoni tat-tezor aħjar. Madanakollu l-Qorti rat li dan ma ġiex*

*minimament ippruvat mill-attriċi stess. Magħdud ma' dan il-Qorti evalwat li Regolament 4 tal-Iskeda taħt l-Ordinanza tal-Pensjonijiet stess jistipula kif għandha ssir il-komputazzjoni tal-pensjoni kkomutata u l-gratifikazzjoni. Il-Qorti rat ukoll li ċ-ċifri msemmija mill-attriċi fl-affidavit tagħha ma humiex imnizzla fil-komputazzjoni tal-pensjoni kkomutata u l-gratifikazzjoni tal-konvenut hekk ikkonfermata mix-xhud Angelo Said in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Tezor. Għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi milqugħa fl-ammont iddeċifrat minn din il-Qorti, hekk komputat iktar 'il fuq f'din is-sentenza."*

6. Fis-27 ta' Ottubru 2020 il-konvenut appella mis-sentenza u lmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi u ta' fatti. Bażikament fir-rikors tal-appell il-konvenut reġa' rrepeta dak li qal fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta quddiem l-ewwel Qorti.

7. Bi tweġiba preżentata fl-14 ta' Diċembru 2020 l-attriċi tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-konvenut. Fl-istess waqt ippreżentat appell inċidentali li bih talbet riforma tas-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens li s-somma dovuta lill-attriċi tkun €24,705.70 jew somma oħra li tillikwida l-Qorti. L-aggravji jaqraw hekk:

*"(1) Ikkalkulat is-somma dovuta lill-esponenti a bażi ta' figura żbaljata stante li l-gratuity li ingħata l-intimat kienet dik ta' €34,560.42 flimkien mas-somma ta' €8294.50 fis-sena filwaqt li l-ewwel onorabbli qorti ikkakluta is-somma dovuta lill-esponenti biss fuq lump sum payment ta' €34,560.42.*

*(2) Ikkalkulat is-somma dovuta lill-esponenti b'mod żbaljat abbażi ta' 40 sena servizz meta fil-verita' r-rekwiżit sabiex l-appellat ikun eliġibbli għal tali gratuity kien dak ta' 30 sena servizz u mhux 40 sena".*

8. Fit-8 ta' Jannar 2021 il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell inċidentali.

Appell tal-konvenut.

9. Fl-ewwel aggravju l-konvenut jinsisti li meta rċieva l-ħlas tal-gratifikazzjoni, il-komunjoni tal-akkwisti ma kinitx għadha teżisti għaliex kienet ġiet terminata bis-sentenza li ngħatat fil-kawża ta' separazzjoni. Kompla li s-sentenza li għaliha għamlet referenza l-ewwel Qorti (Camenzuli v. Camenzuli tas-27 ta' Marzu 2003) mhijiex rilevanti għaliex f'dak il-każ meta sar il-ħlas, il-komunjoni tal-akkwisti kellha tiġi likwidata *".... mhux qabel igħaddu sitt snin mit-tali sentenza ta' separazzjoni"*.

10. F'dik is-sentenza l-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja qalet:

> *"Illi dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut wiehed jirreferi ghall-artikolu 1320 tal-Kap 16 li jirreferi ghall-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u mill-istess disposizzjonijiet jirrizulta li dak kollu li l-partijiet jakkwistaw bix-xoghol u l-hidma taghhom huwa parti mill-istess entita' u dan kif provdut fil-paragrafu (a) tal-istess u dan apparti dak li jipprovdi il-paragrafu (b) tal-istess artikolu 1320.*
>
> *Illi ma hemm l-ebda dubju li l-gratuity li rcieva l-konvenut kienet frott tas-servizz tieghu fl-istess Korp tal-Pulizija mis-26 ta' April 1976 sal-ahhar ta' Mejju 2001, cioe' ghal hamsa u ghoxrin (25) sena shah, u ghalhekk fil-kumpattazzjoni tal-istess zmien wiehed ma jistax jinnota l- gran parti tal-istess servizz fil-korp sehh mill-attur meta kien mizzewweg lill-attrici u kien jopera bejn il-partijiet l- istitut tal-komunjoni tal-akkwisti.*
>
> *Illi fil-fatt il-partijiet izzewgu fit-8 ta' Frar 1979 u sseparaw legalment bl-istess decizjoni fuq citata fl-1 ta' April 1996, u fuq perjodu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena li fuqha hija kkalkulata l-istess somma dan ifisser li meta zzewweg il- konvenut kien gja ilu tlett snin fil-korp, (ghaliex dahal fis- sena 1976) mentri meta spicca fis-sena 2001, l-komunjoni tal-akkwisti kienet ilha li giet terminata ghal hames snin, ghaliex sehhet in forza tal-istess decizjoni ndikata kif ghaddiet in gudikat wara d-data tal-1 ta' April 1996.*

*Illi tenut kont tal-istess perjodu ta' 25 sena li fuqha hija bbazata l-istess gratuity jidher li minn dawk is-snin, tmienja (8) minnhom ma kienx hemm ir-regim tal- komunjoni tal-akkwisti (tlett snin minn 1976 san-1979; hames snin mill-1996 sal-2001), u ghalhekk dak li ghandu jidhol fil-komunjoni tal-akkwisti huwa l-ammont proporzjonali relattiv ghall-bqija ta' sbatax-il sena li fiha kienet ghadha qed topera l-komunjoni tal-akkwisti cjoe' mid-data taz-zwieg fit-8 ta' Frar 1979 sad-data tas-sentenza tal-1 ta' April 1996, jew iktar preciz meta din ghaddiet in gudikat.*

*Illi dan iffisser li la darba kif ammess u pruvat mill- konvenut li s-somma kienet tammonta ghall-Lm11,787.50 dak li jappartjeni mill-istess somma lill-komunjoni tal- akkwisti hija l-kalkolazzjoni ta' 17 il-sena mis-somma fuq stabbilita' ghal hamsa u ghoxrin sena, fl-ammont ta' Lm11,787.50"*.

11. Bħal fil-każ tallum, il-ħlas tal-gratifikazzjoni saret meta l-komunjoni tal-akkwisti kienet diġa` ġiet terminata. Il-fatt li f'sentenza ta' separazzjoni li ngħatat fl-1 ta' April 1996 il-Qorti qalet li l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti m'għandhomx jinqasmu qabel sitt snin minn dik id-data, mhu tal-ebda rilevanza. F'dak il-każ ukoll ingħatat sentenza ta' separazzjoni u fiha l-Qorti ordnat it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti (1 ta' April 1996) filwaqt li r-raġel irtira mix-xogħol f'data wara t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Minkejja dan, dik il-Qorti xorta kkonkludiet li l-mara għandha jedd għall-parti mill-gratifikazzjoni peress li kienet frott ta' servizz li ta bħala mpjegat fil-Korp tal-Pulizija, li l-parti l-kbira minnu ngħata meta kien miżżewweġ lill-attriċi.

12. Fil-każ in eżami bejn il-partijiet kienet teżisti l-komunjoni tal-akkwisti b'seħħ mis-17 ta' Novembru 1979 sal-24 ta' Frar 2005 (data tas-sentenza ta' separazzjoni). Dan ifisser perjodu ta' ftit iktar minn ħamsa u għoxrin

(25) sena. Perjodu li matulu l-konvenut kien impjegat maċ-ċivil. Fid-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenut kien ilu diġa` 30 sena (neqsin ftit xhur) impjegat maċ-ċivil.

13. L-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu:

> *"(a) dak kollu li ż-żewġ partijiet miżżewġa jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom".*

14. Dak li akkwista l-konvenut kien b'riżultat tax-xogħol tiegħu maċ-ċivil. F'dan il-każ jinkludi xogħol li għamel matul iż-żwieġ meta kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti. Hu veru li l-ħlas isir meta l-ħaddiem jirtira mix-xogħol, u f'dan il-każ sar meta l-konvenut kien legalment separat mill-attriċi u l-komunjoni tal-akkwisti kienet terminata. Pero` jibqa' l-fatt li dak l-intitolament għall-ħlas akkwistah bix-xogħol fuq perjodu ta' erbgħin (40) sena neqsin ftit xhur, li jinkludi l-perjodu meta kien miżżewweġ u kienet teżisti l-komunjoni tal-akkwisti. Dan minkejja li skont Art. 5(1) tal-istess Ordinanza,

> *"Ebda uffiċjal m'għandu jedd assolut ta' kumpens għal servizzi li jkun għamel, <u>jew ta' pensjoni, gratifikazzjoni jew allowance taħt din l-Ordinanza</u> jew taħt ir-regolamenti magħmulin taħtha; u lanqas ebda ħaġa stabbilita f'din l-Ordinanza jew f'dawn ir-regolamenti ma tillimita l-jedd tal-Gvern ta' Malta li jibgħat mis-servizz uffiċjal mingħajr ebda kumpens"*.

15. Pero` jibqa' l-fatt li f'dan il-każ il-gratifikazzjoni ngħatat lill-konvenut ovvjament għaliex issodisfa l-kriterji kollha skont il-liġi, fosthom li għamel

snin twal jaħdem maċ-ċivil. Imbagħad kif qalet l-ewwel Qorti, meta ngħatat is-sentenza tas-separazzjoni il-konvenut kien għadu mpjegat u l-għażla li jirċievi l-gratifikazzjoni saret meta rtira mix-xogħol. Għalhekk il-Qorti li tat is-sentenza ta' separazzjoni ma setgħetx f'dak l-istadju tillikwida somma f'dak is-sens ġialadarba l-konvenut kien għadu ma laħaqx l-eta` tal-irtirar.

16. Il-konvenut jinsisti li dak li qiegħda tippretendi l-attriċi hi parti integrali tal-pensjoni tiegħu. Fl-affidavit għamel referenza għall-dokument maħruġ mit-Teżor li fih jingħad:

> *"Commuted Pension:*
>
> *Purpose: When Pensioners choose to reduce their pension by a quarter, which in turn, is converted into a gratuity"*.[1]

17. Irrispettivament jekk il-gratifikazzjoni hijiex parti mill-pensjoni, jibqa' l-fatt li hu ħlas li ngħata l-konvenut wara li għamel snin twal jaħdem maċ-ċivil u li kif rajna l-parti l-kbira tagħhom kien fiż-żwieġ meta kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti.

18. F'dan ir-rigward ukoll il-konvenut għamel ħafna enfażi fuq is-sentenza <u>Alfrida Camilleri Borg v. Carmel sive Charles Borg</u> tas-27 ta' Ottubru, 2011 fejn il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) qalet:

> *"Pensjoni – Illi mill-provi jirrizulta li meta l-konvenut kien irtira mix-xoghol tieghu minn mal-Gvern, huwa thallas mit-Tezor commuted*

[1] Treasury Pension Manual – V3.

*pension ta' €29,350 [ekwivalenti ghal LM12,600] rapprezentanti €2,033.94 [ekwivalenti ghal LM873.17] referibbli ghaz-zmien ta' qabel iz-zwieg, filwaqt li l-kumplament ta' €27,316.12 [ekwivalenti ghal LM11,726.81] jirriferi ghaz-zmien ta' wara z-zwieg. Jirrizulta wkoll li, tenut kont li l-konvenut ha din is-somma, huwa jippercepixxi pensjoni annwali ridotta ta' €7,044 (ekwivalenti għal Lm3,024).*

*Dwar in-natura tal-imsemmija somma, ir-rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali – Sezzjoni Pensjonijiet, fix-xhieda tieghu jispjega li "din is-somma hija a service pension, u allura hija meqjusa bhala pensjoni." Inoltre, ir- rapprezentant tat-Tezor tghid: "is-somma hija ta' natura ta' pensjoni. Fil-fatt is-somma tirrapprezenta l-bejgh ta' kwart tal-pensjoni. Minn ma jiehux is-somma jrid jilhaq is-72 sena biex ikun ha l-istess cifra tas-somma."*

*Illi l-attrici qed tippretendi nofs l-ammont mis-somma ta' €27,316.12 [ekwivalenti ghal LM11,726.81] in bazi ghall- fatt li l-konvenut ippercepixxa din is-somma meta l-komunjoni tal-akkwisti kienet ghadha vigenti; filwaqt li l-konvenut jikkontendi li din is-somma tirreferi ghall-futur, u ghalhekk ghaz-zmien ta' wara s-separazzjoni. Jsostni li bis-sahha ta' din is-sistema huwa ha parti mill-pensjoni futura bil-quddiem, u ghalhekk il-pensjoni ntitolat ghaliha fil-prezent giet ridotta minhabba dan il-fatt.*

*Il-Qorti tikkondividi l-argument tal-konvenut bhala wiehed san u legalment validu. Huwa minnu li s-somma giet percepita matul iz-zwieg, izda mill-provi jirrizulta car li l- pozizzjoni legali in propozitu hi li l-konvenut xtara dak li kien intitolat ghalih fil-futur, u cioe' anke ghaz-zmien ta' wara s-separazzjoni. Ghaldaqstant il-qorti hija tal-fehema li din is-somma, rapprezentanti parti mill-pensjoni futura, tappartjeni fl-intier taghha lill-konvenut, filwaqt li l-attrici m' ghandha ebda jedd fuqha".*

19. Sentenza li ma jidhirx li ġiet appellata.

20. Din il-Qorti tibqa' tal-fehma li ġialadarba l-ħlas li sar lill-konvenut fil-forma ta' gratifikazzjoni hu minħabba l-impjieg li kellu fiċ-ċivil ukoll f'perjodu meta kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti, mhuwiex rilevanti li l-*commuted pension* hi ħlas ta' darba ta' parti mill-pensjoni li kien jirċievi matul is-snin.

Appell inċidentali tal-attriċi.

21. Fl-ewwel lok l-attriċi tilmenta li l-ewwel Qorti għamlet żball għaliex il-gratifikazzjoni li ngħata l-konvenut kienet €34,560.42 u s-somma ta' €8,294.50 fis-sena, filwaqt li l-ewwel Qorti għamlet il-kalkoli fuq is-somma ta' €34,560.42.

22. Mir-rikors ġuramentat hu evidenti li l-attriċi tippretendi sehemha mill-gratifikazzjoni li tħallset lill-konvenut, tant hu hekk l-ewwel talba hi b'referenza għall-ħlas li l-attriċi qalet li l-konvenut irċieva f'April 2015. It-talbiet l-oħra huma konsegwenzjali għall-ewwel talba. Il-provi juru li fil-fatt il-konvenut irċieva ħlas f'April 2015 fl-ammont ta' €34,560.42.[2] Is-somma ta' €8,294.50 m'għandha x'taqsam xejn mal-gratifikazzjoni li tħallset lill-konvenut f'April 2015.

23. L-attriċi ssostni wkoll li l-ewwel Qorti żbaljat għaliex għamlet il-kalkoli a bażi ta' 40 sena meta l-konvenut sar eliġibbli għall-gratifikazzjoni għaliex għamel 30 sena jaħdem. Dan mhuwiex korrett. Mill-provi rriżulta li servizz ta' iktar minn tletin sena kien rilevanti sabiex tingħata pensjoni sħiħa (*'full pension'*). Jibqa' l-fatt li l-konvenut kien jaħdem fis-servizz pubbliku għall-perjodu ta' ftit inqas minn 40 sena u għalhekk l-ewwel Qorti

[2] Ara deposizzjoni ta' Angelo Said a fol. 97.

kienet ġustifikata tagħmel kalkoli fuq dik il-medda ta' żmien u li wara kollox tirrifletti r-realta`.

24. Il-provi juru li l-attur irċieva s-somma ta' €34,560.42 (ara fol. 137). F'dan ir-rigward it-Teżor l-ewwel ikkalkola s-salarju medju li kellu l-konvenut, u kemm kienet tkun l-*uncommuted pension*. Kalkolu li sar billi ttieħed ukoll in konsiderazzjoni perjodu ta' 477 xahar, jiġifieri kważi 40 sena servizz. Għalhekk il-Qorti ma tara xejn irregolari fil-kalkolu li sar mill-ewwel Qorti, u dan meta tqis li l-attur ħadem 40 sena neqsin ftit xhur.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-konvenut u l-appell inċidentali tal-attriċi u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti. Spejjeż tal-appell a karigu tal-konvenut u l-attriċi tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-appell inċidentali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr